**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA**

**Seduta tad-29 ta' Novembru 2018**

**Appell Kriminali numru. 35/2017**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Darrin Mugliett**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkuzat talli nhar it-2 ta' Awwissu 2016 għall-ħabta tal-05:35pm ġewwa Triq il-Valletta, Zurrieq:

(1) **Bħala persuna volontarjament kiser il-paċi pubblika u l-bon ordni b'għajjat u storbju jew b'mod ieħor;**

(2) **Hebb għal Lorna Mugliett, u kkaġunalha ġrieħi ta' natura ħafifa fuq l-imsemmija persuna, hekk kif iċċertifika Dr. Z. Pretoriuv, med reg n. 5768;**

(3) **Fi triq jew f'post pubbliku ieħor, imbotta lil Lorna Mugliett, sabiex iweġġa` jew jinsulenta lill-imsemmija persuna.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Jannar 2017, li biha, sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-artikoli 338(dd), 221(1) u 339(1)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, lliberatu bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat ieħor fi żmien tlett (3) xhur mid-data tas-sentenza ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-imputat Darrin Mugliett minnu ppreżentat fit-30 ta' Jannar 2017 li bih talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflokk tilliberah minn kull ħtija u piena.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat illi l-aggravji imressqa mill-imputat jikkonsistu fil-qosor li l-Ewwel Qorti ma setatx raġjonevolment u legalment issib ħtija a bażi tal-provi mressqa u dan peress li minn dak li ddeponew żewġ xhieda indipendenti kien ċar li l-każ kien biss sempliċi battibekk verbali bejn iż-żewġ kontendenti f'separazzjoni personali li kienet ghaddejja bejniethom, li matulu ma seħħew l-ebda waħda mir-reati addebitati.

Semgħet f'dan l-istadju ta' reviżjoni d-deposizzjonijiet ta' Lorna Mugliett u Fr. George Schembri għall-prosekuzzjoni u Ilias Paliopoulus għad-difiża rispettivament fis-seduti tas-6 ta' Lulju 2017, l-31 ta' Mejju 2018 u l-20 ta' Settembru 2018[1].

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet[2].

Ikkunsidrat

Illi l-appellant qieghed isejjes l-appell minnu intentat fuq apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, b'mod ewlieni fuq il-kredibbilta' o meno tal-Parte Civile kontra dak li qed jiġi allegat mill-appellant, fejn fil-fehma tieghu il-verzjoni tal-parti leza ma issibx konfort fid-deposizzjoni ta' żewġ xhieda indipendenti dwar l-inċident.

Illi din il-Qorti kellha ix-xorti tisma' lix-xhieda jiddeponu mill-gdid quddiemha . Jidher mix-xhieda tal-parti leza Lorna Mugliett illi l-ko-litigandi jinsabu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni. Billi fil-granet precedenti l-incident mertu ta' din il-vertenza l-appellant kien imsiefer u allura ma kellux access ghal bintu minuri, hekk kif wasal lura Malta huwa talab lil martu biex jaraha, izda billi kienet il-gurnata tat-Tlieta jidher illi l-minuri kellha lezzjoni tal-*gymnastics* u filwaqt li l-parti leza bdiet tinsisti mal-appellant li seta' imur jigborha mid-dar wara li tkun hadet lit-tifla hemmhekk sabiex tahsilha u tbiddlilha, l-appellant ried jigborha dak il-hin stess hekk kif spiccat il-lezzjoni minn fejn l-iskola. Hemmhekk inqala' battibekk telefoniku bejniethom. Il-parti leza saqet minn fuq il-post izda l-appellant irnexxielu jilhaqaha bil-van li kien qed isuq u għalqilha t-triq. Nizel mill-vettura tieghu u beda jsabbat fuq il-bieba tal-karrozza tagħha u jgħajjat 'agħtini t-tifla, agħtini t-tifla.' It-tifla twerwret tant li qabzet minn wara għal quddiem u qalet lill-ommha biex issuq. L-appellant beda jżommilha l-

[1] Verbali a folio 48, 63 u 69 rispettivament.
[2] Verbal datat 20 ta' Settembru 2018 a folio 69.

mera tal-karrozza u beda jheddida li jekk ma ttiħx lil bintu kien ser ikisser il-mera. Ix-xhud reġgħet qaltlu li hi kull ma riedet taħsilha d-dar qabel joħodha u hemmhekk l-appellant daħħal idu minn ġot-tieqa, fetħilha l-karrozza, ħadilha l-*mobile* li kien f'idejha u ħa lit-tifla wkoll. Hi ħarġet warajħ u talbitu l-mobile li kien remielha u beda jgħidilha illi ma riedx jgħidilha fejn kien u beda jgħajjat. Ħarġu xi nies oħra li kienu fil-vetturi taghhom u li kienu waqqfu fil-vicinanza fejn qalulhom biex ma joqogħdux jagħjtu quddiem it-tifla. Hawnhekk il-parti leza tallega illi l-appellant ħabbatha mal-bieba tal-karrozza tiegħu u beda jżommha u mar iġib il-*mobile* u qabad it-tifla u telaq biha.

F'dan l-incident l-parti leza allegat li sofriet griehi ta' natura hafifa, liema griehi gew riskontrati mit-Tabiba Zenobia Pretorius kif debitament ikkonfermat minnha bil-gurament[3]. Illi d-difiza in kontro-ezami bdiet tipprova tiskredita dawn il-griehi billi sahhqet li ma kenux kompatibbli mad-dinamika tal-incident u ukoll ghaliex l-parti leza ma kenitx gharrfet lill-pulizija bl-istess meta ghamlet ir-rapport. Issa minn qari tal-affidavits kemm ta' PS1429 Mangion kif ukoll ta' PC1160 Kevin Penza jirrizulta illi l-parti leza kienet infurmathom *a tempo vergine* illi l-appellant kien imbottaha minn idha u li fil-fatt din kienet ghaddietilhom certifikat mediku l-ghada tal-incident u dan wara li l-pulizija stess kienu tawha struzzjonijiet sabiex tipproduci certifikat mediku kif ukoll stima tal-hsarat subiti fil-vettura kagun tad-daqqiet li allegatament kien ta l-appellant fuq il-vettura taghha.

Issa din il-Qorti hija sprovvista minn verzjoni tal-fatti minn naha tal-appellant, billi la hemm il-verzjoni tieghu irregistrata fuq il-PIRS *report* u lanqas xehed tul dawn il-proceduri, biex b'hekk, kif kellu kull dritt illi jaghmel, l-appellant ezercita l-jedd tieghu ghas-silenzju, minn liema silenzju din il-Qorti ma tista' tinferixxi l-ebda htija.

Dan x'aktarx sehh ghaliex fil-fehma tad-difiza, iz-zewg xhieda indipendenti li xehdu u cioe' Father George Schembri u Ilias Paliopoulus jiskreditaw il-verzjoni tal-parti leza.

Issa Father George Schembri jikkonferma illi filwaqt li hu kien fil-vettura tiegħu, l-appellant imblokka l-passaġġ tat-traffiku bil-vettura tiegħu, meta waqqaf f'nofs ta' triq biex jostakola l-passagg liberu ta' vettura ohra, nizel mill-vettura tieghu u beda jargumenta b'lehen gholi ma' mara. Jiftakar jarah jahtaf it-telefon cellulari minn idejn din il-mara waqt li kienet fil-vettura tagħha u remieh f'għalqa. Dan ix-xhud fil-fatt hass li kellu jintervjeni u anke issugerixxa lill-appellant biex jigbor il-mowbajl tal-parti leza mill-għalqa fejn kien spicca mitfugh. Ix-xhud ma jiftakarx li l-parte ċivile subiet ġrieħi u

[3] Certifikat u affidavit esebiti a fol.29 et seq.

jiftakar li kienet baqgħet fil-karrozza u li kienet qed tibki u kienet fi stat ta' paniku. Mill-banda l-oħra, ix-xhud Ilias Paliopoulus jikkonferma ukoll li il-vettura tal-appellant kienet qed timblokka l-passaġġ tal-vettura tal-*parte ċivile* u meta wasal l-argument kien diġa' beda u ra lill-appellant bit-tifla f'idejħ miexi lejn il-vettura tiegħu u jaqfilha fis-siġġu tal-passiġier. Jiftakar ukoll li l-mara marret biex toħroġ lil bintha mill-vettura meta din kienet diġa' maqfula u kienu qedghin jiġġieldu u jgħajjtu quddiem binthom u jiġbduha min-naħa għall-oħra tant illi hu kien intervjena biex ma jkomplux b'dan l-aġir minħabba t-tifla. Hu stqarr li ma kien xhud ta' ebda vjolenza fizika bejniethom imma kien hemm argument bil-fomm li madankollu ma fehemx billi ma jifhimx bil-Malti.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl tan-natura tal-aggravji mqajjma, din il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[4]

In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex

---

[4]**Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.**

il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emmnut huwa suffiċjenti. Rilevanti ukoll b'referenza ghat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li jaqghu fil-parametri tal-artikolu 636, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, '*id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...*'.

Ikkunsidrat

Illi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi l-verżjoni tal-*parte ċivile* dwar l-avvenimenti li seħħew dakinhar tal-inċident mertu ta' dan il-każ hija aktar verosimili minn dawk allegati mill-appellant fis-sottomissjonijiet maghmula minnu, billi kif inghad l-appellant ma joffriex ix-xhieda tieghu. Jibda biex jingħad illi filwaqt li l-argument beda bħala wieħed verbali, dan iddeġenera meta l-appellant tfaċċa fl-akwati tal-iskola ta' San Benedettu biex jaghmel dak li kellu f'mohhu akkost ta' kollox.

Jirriżulta li l-*parte ċivile* kienet diġa ġabret u kienet fi triqitha lura d-dar flimkien ma bintha fil-vettura tagħha meta l-appellant imbarralha t-triq biex ma tkunx tista tipprosegwi fi triqitha u liema atteġġjament fil-fehma tal-Qorti jindika sens ta animozita' u ta' konfrontazzjoni, tant illi spicca inqala' argument shun bejn l-appellant u l-parti leza, li l-appellant jipprova jimminimizza u isejjahlu "battibekk".

Din iċ-ċirkostanza ġiet ikkonfermata minn kull xhud li xehed inkluz dawk in difeża li jikkonfermaw li l-passaġġ tal-vettura tal-parte ċivile kien imbarrat u li t-traffiku kien imblokkat ukoll mill-vettura tal-appellant li tant kien mitluf u intenzjonat jilhaq l-ghan tieghu akkost ta' kollox li lanqas jidher interessa ruhu minn terzi li spiccaw imwahhlin fit-triq minhabba fl-agir intransigenti tieghu. Kwindi huwa indubitat illi kien l-appellant li ta bidu ghall-argument li sehh quddiem bintu minuri u dan meta webbes rasu li ried jehodha akkost ta' kollox inkluz ukoll akkost li johloq trawma fl-istess minuri meta spiccat rinfaccjata b'dan l-atteggjament ta' aggressivita'. Dan issarraf mhux biss fil-fatt illi hataf il-mowbajl minn idejn il-parti leza u remieh f'ghalqa, izda ukoll meta ipprova b'forza jiehu il-minuri mill-pussess ta' ommha. Ix-xhieda indipendenti fil-fatt jikkonfermaw dan tant illi hassew li kellhom jintervjenu.

Illi c-certifikat mediku esebiet in atti u debitament ikkonfermat bil-gurament, imbaghad jikkorobora il-verzjoni tal-parti leza billi jirrizulta illi dan gie rilaxxjat dak in-nhar stess fil-ghaxija. Huwa ghal kollox verosimili illi l-griehi gew ikkagjonati fil-kollutazzjoni li sehhet bejn dawn it-tnejn minn nies.

Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment ssib ħtija fl-appellant ghall-akkużi kollha kif miġjuba kontriħ u ghalhekk id-diskrezzjoni minnha ezercitata ma ghandhiex tigi ddisturbata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma sentenza appellata fl-intier taghha.

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Joyce Agius**

**Deputat Registratur**